**MNUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa (5)**

**26 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Sindku**

**Aaron Agius- Viċi Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

**5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

5.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Kunsillier Dr Kevin Cutajar li kien jinsab ma jiflaħx. Din l-apoloġija ġiet aċċettata bil-Kunsillier Dr Cutajar jiġi skużat mil-laqgħa.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 4**

5.2.1 Il-minuti tal-Lagħa Nru 4 ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill wara li saru l-korezzjonijiet mitluba minn Dr Francienne Muscat.

5.2.2 Il-minuti ġew iffimati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**5.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

5.3.1 Is-Sindku rreferra għal Triq Stellini fejn informa lill-Kunsill li kienu se ssiru l-livelli tat-triq. Anke jekk mhux ser tilħaq tiġi ffinalizzata l-espropprazzjoni, din it-triq ser titkompla fejn m'hemmx problemi biex jinqata' t-trab u l-inkonvenjent għar-residenti.

5.3.2 B'referenza għad-Dog Park fejn il-Kunsill kellu ukoll skedat laqgħa mal-Wasteserv fl-1 t'Ottubru 2024, is-Sindku spjega li kellu laqa' informali mas-Sur Richard Billocca minn Wasteserv fejn ħa l-opportunita biex jaqsam miegħu dak li kien hemm pjanat li jiġi diskuss waqt il-laqgħa. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li min-naħa ta' Wasteserv huma favur titjib b'żieda ta' *play equipment* għall-klieb u li jogħla ċ-ċint biex joffri aktar sigurta'. Is-Sindku elenka li l-proposta' għal-latrina pubblika u anke bandli għat-tfal ma kinitx ser tiġi milqugħa peress li ġew irrifjutati talbiet simili f'*dog parks* li saru minn Wasteserv f'Malta. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat enfasizzat li ssir funtana tal-ilma għall-klieb u *shading* li joffru kenn mix-xemx. Il-Kunsill qabel li għandha titħejja pjanta mill-Perit li tkun tista' tiġi ppreżentata lill-Wasteserv wara li tkun approvata mill-Kunsill.

5.3.3 Is-Sindku rreferra għall-problema tal-*hornets* fi Triq L-Imqades. Is-segretarju spjegat li r-resident kien ġie l-Kunsill u nfurmaha li dan kien ġo ventilatur ta' garaxx ta' propjeta' private u għalhekk il-Kunsill qabel li dan jilimita x'wieħed jista' jagħmel. Il-Kunsill iddiskutta ukoll il-problema ta' ġrieden fejn il-BIS tal-Marġa u qabel li jipproċedi billi tintalab l-intervenzjoni tas-Sanita'.

5.3.4 Fuq il-mejda tal-Kunsill, is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-evalwazzjoni għas-sejħa tal-Perit. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw ir-rakkomondazzjoni tal-bord biex b'hekk il-Perit tal-Kunsill ikun il-Perit Edward Scerri.

5.3.5 Is-Sindku rreferra għas-sejħa tas-skrivan fejn il-kandidati li kienu ġew imsejħa għall-*interview* kienu rrifjutaw li jattendu. Għaldaqstant is-Sindku spjega li s-sejħa trid toħroġ mill-ġdid din id-darba għall-parti 3 u l-pubbliku inġenerali.

5.3.6 B'referenza għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku, is-Sindku spjega li dan kien jinsab wieqaf peress li bħalissa kienu qed jiġu emendati l-pjanti tal-istruttura biex dan ikunu aktar b'saħħithom wara li waqt l-eskavazzjoni nstab il-vojt.

5.3.7 Is-Sindku wera x-xewqa li fil-futur il-Kunsill jaħdem fuq proġett biex joħroġ publikazzjoni fuq ix-Xagħra.

## 5.4 Bye-Law għall-bajja tar-Ramla

5.4.1 Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li kellu mas-Sa Marvic Refalo ġimgħat qabel fejn kienet talbitu li ssir *bye-law* fuq il-bajja tar-Ramla. Fost l-oħrajn is-Sindku ssuġġerixxa li din għandha tinkludi li ma tippermettix li jsiru kampijiet, li ma jkunux permessi klieb u li anqas ma jkunu permessi *barbeques.* Il-Kunsill iddiskutta li għalkemm dawn diġa' huma mniżżla fuq tabella li hemm xorta mhux biżżejjed għax il-pulizija ma jistgħu jinfurzaw b'tabella biss..

Il-Kunsill unanimament qabel li s-segretarju kellha tibgħat lill-avukat Dr Carmel Galea biex ikun jista' jħejji din il-*bye-law.* Il-Kunsillier Dr Christian Zammit talab li tintbagħat *draft* ta' din il-*bye law* qabel ma' din titqiegħed f'Aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 5.5 Skema Lesa

5.5.1 Is-Sindku rreferra għall-iskema tal-Lesa fejn il-Kunsill kien applika biex tinxtara *electric van,* it-talba ġiet milqugħa u anke ħarġet is-sejħa għall-offerti biex il-Kunsill ikun jista' jakkwista din il-van. Is-Sindku spjega li l-bord tal-

evalwazzjoni kienu qed jipproponu li l-Kunsill jirrifjuta li jaċċetta l-unika offerta mitfugħa peress li l-offerta ma kinitx tilħaq ir-rekwiżiti f'dak li kien mitlub teknikament.

Is-Sindku spjega li hu kien tkellem mas-Sur Fava, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn kien iddiskuta miegħu l-fatt li jħoss li ma kienx hemm daqshekk bżonn tal-van tal-elettriku anke peress li riċentament ġie introdott is-servizz tas-Silver T. Is-Sindku ppropona li minflok ma tinxtara din il-van isiru CCTVs madwar ix-Xagħra. Il-Kunsill Dr Zammit elenka li ħafna lokalitajiet kellhom CCTVs .

5.5.2 Il-Kunsill ħa vot fejn il-membri preżenti qablu li kellhom isiru CCTVs minflok *electric van* minbarra l-Viċi Sindku Aaron Agius li stqarr li l-Kunsill kellu jmexxi b'dak li kien qabel il-Kunsill oriġinarjament. Għaldaqstant is-Segretarju ħadet nota biex tmexxi biex titlob laqgħa mal-inġinier fejn jiġu diskuss il-postijiet u eventwalment tiġi ppreparata stima.

## 5.6 Autumn Fest

5.6.1 Is-Sindku ppropona li għat-tieni sena konsekuttiva jerġa' jittella' l-Autumn Fest. Is-Sindku issuġġerixxa li din is-sena dan l-avveniment isir fi Triq Mannar fejn il-knisja ta' Nażżarenu. Is-segretarju ġibdet l-attenzjoni li hemm skedat xogħol mill-WSC u l-Enemalta fuq din it-triq għal nofs Ottubru u għaldaqstant possibli li triq tkun maqlugħa. Il-Kunsill qabel li kellna nitkellmu mal-kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet biex naraw eżattament meta ser jibda x-xogħol u fl-eventwalita' li l-Autumn Fest ma jkunx jista' jsir fi Triq Mannar minħabba x-xogħlijiet dan kellu jsir fi Triq Kumittiva.

5.6.2 Il-Kunsill qabel li bħas-sena li għaddiet kellu jkunu nvoluti l-iscouts b'stalls tal-ikel, jkun hemm kompetizzjoni tal-isbaħ qargħa u serata tal-għana.

## 5.7 Milied

5.6.1 Is-Sindku spjega li kienu għaddejjin il-preparamenti għall-kunċert tal-Milied Puer Est Nobis li kien ser jittella' b'kollaborazzjoni mal-Voci Angeliche u l-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar fis-27 ta' Diċembru fis-7.00pm. Is-Sindku spjega li kien għaddej b'kuntatti biex għal dan il-kunċert tkun preżenti l-President ta' Malta n-Nutar Myriam Spiteri Debono. Is-segretarju ħadet nota biex b'mod immedjat tavża l-uffiċju tal-President b'dan l-avveniment.

5.6.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jorganizza suq tal-Milied fejn ikunu jistgħu jikkollaboraw diversi għaqdiet fix-Xagħra. Is- Segretarju ġibdet l-attenzjoni li wisq probabli dan l-avveniment mhux se jkun inkluż fil-ktejjeb tal-Milied peress li l-Kunsilli u għaqdiet mhux governattivi kienu mitluba li jibagħtu x'attivitajiet kellhom sal-21 ta' Settembru.

5.6.3 Il-Kunsill qabel li s-suq tal-Milied jkun mtella' fi tmiem il-ġimgħa jew fit-8 u 9 ta' Diċembru jew l-14 u 15 ta' Diċembru bis-Sibt jibda fis-7.00pm u l-Ħadd fis-1.00pm. Il-Kunsill qabel li kellna niċċekjaw mad-Direttorat tal-Kultura biex dan is-suq jittella' fi tmiem il-ġimgħa meta l-inqas li hemm attivitajiet simili. Il-Kunsill qabel li s-Sibt għandu jkun hemm *band* li tattira udjenza. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jara jekk *Cash & Band* u anke l-*X-Tend* kinux disponibli waqt li l-Ħadd jkun hemm attrazzjonijiet għat-tfal bħal ritratt mal-*Father Christmas* u krafts għat-tfal.

5.6.4 Il-Kunsilliera Marion Portelli ssuġġeriet li s-suq tal-Milied kellu jittella' fejn il-Mużew tas-Subien fi Triq San Ġorġ Preca anke wara li l-avveniment Togħma Tradizzjonali kien suċċess u l-post intlaqa' tajjeb. Is-Sindku stqarr li hu kien tal-istess fehma. Il-Kunsill qabel waqt li ddiskuta li kellhom isiru l-arranġamenti mal-mużew biex il-Mużew tas-Subien jinżamm miftuħ u jitgawdew d-diversi wirjiet tal-presepji li ta' kull sena jittelgħu fil-Mużew tas-Subien.

5.6.5 B'referenza għat-tiżjin tal-Milied is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jaħseb bil-preparamenti għat-tiżjin tal-Milied madwar ir-raħal. Il-Kunsill qabel li t-tiżjin ghandu jintrema fl-entratura tar-rahal fi Vjal It-8 ta' Settembru, fil-Pjazza, fejn l-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, fejn il-Mużew tas-Subien, fejn il-Knisja ta' Ġesu' Nażżarenu, fil-Pjazza ta' Sant'Anton, fi Pjazza Kortoll.

5.6.6 Is-Sindku ppropona li l-pjazza tax-Xagħra din is-sena tintrema bi ħbula bi blalen tad-dawl, presepju u siġra tal-Milied. Il-Kunsilliera Leanne Micallef ipproponiet lis-siġra tal-Milied tintrema f'nofs il-pjazza waqt li l-Kunsill qabel li l-presepju u s-siġra tal-Milied m'għandhomx jintremew fejn xulxin. Il-Kunsill qabel li jmexxu ma' dawn il-proposti.

## 5.8 Day Centre

5.8.1 Is-Sindku rreferra għal dak li kien diskuss f'laqgħa preċedenti biex id-*day centre* jibda jsir jumejn fil-ġimgħa min-nofs Ottubru. Il-Kunsilliera Marion Portelli ssuġġeriet li b'differenza għad-day centre tal-Erbgħa, il-Ġimgħa jkun hemm taħdita qasira edukattiva min-nies professjonali fuq suġġetti varji jew isiru

sessjonijiet qorsra ta' eżerċizzju ħafif . Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

5.8.2 Is-Sindku ppropona li d-day centre l-Erbgħa jsir fil-Każin tal-Banda anke peress li l-attendenza hi waħda numeruża u l-Ġimgħa jsir iċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Is-Sindku ppropona li s-Sa Marlene Bartolo kellha tibda tassisti waqt id-*day centre* ta' ġurnata minnhom. Is-Segretarju qalet li b'rispett għat-tletin sena servizz li kienet ilha tagħti Lina Sultana lill-Kunsill, għandha tiġi mitluba liema ġurnata tixtieq li tkun responsabbli għaliha.Is-Sindku ppropona li jiftehmu bejniethom u l-membri tal-Kunsill preżenti qablu mingħajr rimarki.

**5.9 Korsijiet għax-xitwa- Keep Fit**

5.9.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li kellha toħroġ espressjoni għall-interess għal-*fitness instructor* kwalifikat kemm f'sessjonijiet *low impact* u *high impact* għal klassijiet għal dawk sa mezza eta' u dawk aktar matura fl-eta'. Il-membri tal-Kunsill qablu waqt li s-Segretarju ħadet nota biex tmexxi minnufih bl-avviż fuq il-paġna tal-Facebook biex dawk interessati jkunu jistgħu japplikaw.

**5.10 Garaxx f'Tal-Ġibjun**

5.10.1 Is-Sindku rreferra għall-kamra fil-bitħa ta' fejn il-ġibjun fejn stqarr li l-Kunsill jista' jibbenefika jekk jinfetaħ bieb għat-triq tinbidel f'garaxx. Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku jekk kienx beda l-proċess fl-aħħar leġislatura hekk kif kienet issemmiet f'laqgħa fil-bidu tas-sena. Il-Viċi Sindku talab lis-Segretarju twieġeb għad-domanda. Is-Segretarju spjegat li l-applikazzjoni ma ġietx sottomessa għax il-Kunsill ma ħallas għall-ebda applikazzjoni mal-PA. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekja mal-Perit Spiteri x'kien hemm bżonn li jsir.

**5.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

5.10.1 Dr Francienne Muscat staqsiet jekk kienx hemm xi aġġornament min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar fuq Triq Karkar kif ukoll ġibdet l-attenzjoni li t-tindif f'din it-triq hemm bżonn li jkun regolari u jsiru tabelli jinfurmaw lir-residenti minn 48 siegħa qabel li jkun ser isir it-tindif biex jitneħħew vetturi u t-tindif ikun jista' jsir aħjar. Is-Sindku spjega li ma kien hemm l-ebda aġġornamenti mill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar waqt li s-Segretarju ħadet nota biex jsiru t-tabelli qabel ma jsir it-tindif.

5.10.2 Il-Kunsillier Dr Muscat reġgħet fakkret fl-importanza li jsir *traffic management* fi Triq Karkar kantuniera ma' Triq Brieret. Is-Sindku spjega li din il-materja se tkun inkluża fil-lista ta' xogħlijiet li għandu jaħdmu fuqha l-Perit.

5.10.3 Il-Kunsilliera Dr Muscat mill-ġdid ġibdet l-attenzjoni fuq użu aħjar tal-paġna tal-*Facebook* bl-attivitajiet tal-Kunsill jittelgħu l-ewwel fuq il-paġna tal-Kunsill imbagħad wara mill-membri tal-Kunsill.

5.10.4 Il-Kunsilier Dr Christian Zammit rreferra għall-proġett maħsub għall-Għar ta' Calypso mill-Ministeru t'Għawdex u l-Ippjanar li kien propost fis-snin preċedenti u li kien għadu ma bediex. Il-Kunsill qabel li jintalab aġġornament lill-istess minister biex il-Kunsill ikun jaf fejn wasal dan il-proġett.

5.10.5 Il-Kunsillier Dr Zammit ġibed l-attenzjoni fuq it-*telephone box* biex jsiru kuntatti mal-kumpanija Go biex tieħu ħsieb tirrestawraha anke peress li din hi parti mill-wirt storiku. Is-segretarju kellha tibgħat *imejl* lis-Sur Grech mill-kumpanija Go.

5.10.6 Il-Kunsillier Dr Zammit staqsa rigwardir-resurfacing ta' Triq Il-Knisja. Is-Sindku nforma li l-Kunsill li dan ix-xogħol kellu jsir fil-ġimgħat li ġejjin.

5.10.7 Il-Kunsillier Dr Zammit talab aġġornament fuq il-BCRS. Is-Sindku rreferrra għal-laqgħa li kienet saret ma' rappreżentanti tal-BCRS fejn kien intlaħaq qbil biex il-BCRS tintefa' bil-lejl mit-8.00pm sat-8.00am. Il-Kunsillier Dr Francienne Muscat ssuġġerrit li ssir tabella li tindika l-ħin li fih il-magna qed topera. Il-Kunsillier Marion Portelli rrefferriet għad-diversi ilmenti li hi stess qed ikollha hekk kif il-magna qed tkun ħafna drabi bil-ħsara. Is-Sindku spjega li kien infurmat li kien hemm xi partijiet tal-magna li qed jistennew minn barra.

5.10.8 Il-Kunsillier Dr Zammit irreferra għall-istedina li kellu mill-Kunsillier Dario Di Gordona tal-Comune di Carmignaino biex żewġ rappreżentanti jattendu għall-festival tat-tin li se jkun qed jiġi organizzat f'Carmignaino fi tmiem il-ġimgħa fit-19 u 20 t'Ottubru. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat u Marion Portelli kienu mħajra jattendu.

5.10.9 Il-Kunsilliera Marion Portelli talbet aġġornament fuq id-dgħajjes mitluqa f'Triq Għonqa. Is-Sindku kkonferma li dawn kienu tneħħew.

5.10.10 Il-Kunsilliera Leanne Micallef ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn isir *dog bin* fit-tarf ta' Triq Ġnien Xibla. Il-Kunsill qabel li naċċertaw li m'hemmx *bin* diġa' u f'każ li le nipproċedu biex isir. Il-Kunsilliera ġibdet l-attenzjoni li fi Triq Bullara hemm *dog bin* li għandu għatu iebes ħafna u hemm bżonn jittranġa.

5.10.1 Il-Kunsilliera Micallef uriet stampa ta' disinn li kien għaddielha s-*surveyor* Loui Portelli fuq belvedere maħsub għal Triq L-Għejun. Il-Kunsilliera elenkat li dan

kien proġett li beda fil-Leġislatura li għaddiet. Is-Segretarju spjegat li ma tafx b'dan il-proġett imma kellha tiċċekja hemmx xi referenza fil-laqgħat preċedenti hekk kif kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Dr Christian Zammit li servew fil-leġislatura preċedenti ma kienu jafu xejn fuqu..

*19.20 Il-Viċi Sindku Aaron Agius skuża ruħu li minħabba impenji oħra kellu jitlaq mil-laqgħa.*

5.10.11 Il-Kunsilliera Leanne Micallef poġġit fuq il-mejda tal-Kunsill stampa ta' tankijiet ta żibel li fl-opinjoni tagħha setgħu jiġu adottatti biex jagħmlu użu minnhom ir-residenti ta' Trejqet Ix-Xagħri li kellhom problema biex ipoġġu l-iskart quddiem biebhom. Il-Kunsill iddiskutta li l-problema tkun fejn se jitqiegħdu dawn it-tankijiet. Il-Kunsilliera Micallef talbet li mill-ġdid jerġgħu jsiru l-linji sofor kull naħa tal-isqaq għax dawn m'għadhomx jidhru. Is-Sindku ssuġġerriexxa li dawn dejjem jekk possibli jitwalu. Il-Kunsill qabel li mmexxu b'din it-talab.

5.10.1 Il-Kunsilliera Leanne Micallef talbet li ssir Stop Sign fl-art u tabella biex jiġu evitati inċidenti fi Triq Santa Verna għal Triq San Marzjan wara resident esprimew sewqan eċċessiv fl-akwati.

5.10.12 Il-Kunsilliera Leanne Micallef staqsiet jekk kinux qed jingħataw multi għal skart mormi fejn il-BIS tat-Tafla hekk kif fl-aħħar jiem kien hemm ammont ta' skart madwarhom. Is-segretarju kellha tiċċekja mal-kuntrattur tal-BIS biex tara jekk is-CCTVs kinux qed joperaw.

## 5.11 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti;

5.11.1 B'referenza għat-talba tas-Sur Massimo Ferroletto li kien ilment fuq l-ilma li jinżamm quddiem tiegħu fi Triq Sruġ. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill.

5.11.2 Talba għall-katusa għall-ilma li joħroġ miċ-ċimiterju għax qed ikun ta' periklu għas-sewwieq speċjalment tal-muturi. Il-Kunsill qabel li anke f'dan il-każ għandna nitkellmu mal-Perit x'jista' jsir.

5.11.3 19.08.2024 L-istedina biex il-Kunsill jipparteċipa fil-European Week for Reduction bejn is-16 u l-24 ta' Novembru. It-tema din is-sena hi "Food Waste". Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.11.4 Ittra mill-Għaqda Milied fix-Xagħra b'talba għall-kollaborazzjoni ta' €400 għall-wirja "Reclinivat eum in Praesepio". Il-Kunsill qabel li l-kollaborazzjoni ma teċedix dan l-ammont.

5.11.5 19.08.2024 Talba mill-Kunsilliera Leanne Micallef biex isir *double yellow line* tal-faċċata tar-residenza tal-familja Borg fi Triq Gajdoru. Il-Kunsill qabel li jmexxi wara li jinġieb il-kunsens mis-sid tal-propjeta' fejn qed jiġu proposti l-linji sofor.

5.11.6 19.08.2024 Imejl mis-Surmast b'risposta wara t-talba biex tintuża parti mill-entratura tal-bitħa tal-iskola. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.11.7 20.08.2024 Appell 00239/24 intavolat lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.11.8 20.08.2024 Ilment mis-Sa Marlene Meilak rigward il-problema li jkollhom kull sena bl-isqaq jispiċċa latrina.

5.11.9 21.08.2024 Imejl mis-Sur Patrick Mifsud rigward karozzi abbandunati fi Triq Ta' Karkar. Is-Sindku spjega li l-materja ta' karozzi abbandunati ittelgħet anke fil-laqgħa tar-Reġjun. Is-Sindku spega li tneħħew ħafna minnhom bl-assistenza tal-pulizija waqt li elenka li biex tneħħi karozza l-ispiża titla' €300.

5.11.10 21.08.2024 Talba għar-rilaxxar tal-garanzija bankarja fuq PA/6240/19 Triq Dun Gorg Preca mill-Perit Alex Bigeni. Il-Kunsill qabel li jipproċedi bir-rilaxxar ta' din l-garanzija.

5.11.11 22.08.2024 Cir AKL 2024/049_You Matter - Building Resilience: Overcoming Challenges and Promoting Well-being_28.09.2024 li titratta s-servizz ġdid li beda jiġu offrut mill-assoċjazzjoni fejn jinkludi assistenza fejn jidħlu materji ta' saħħa mentali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.11.12 27.08.2024 Talba għall-*double yellow line* minn Anthony Bugeja fi Triq Bullara kif indikat fir-ritratt hekk kif qed jeħel it-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandhom jipproċedu biex isiru dawn il-linji ma' TM.

5.11.13 27.08.2024 Komunikazzjoni mis-Segretarju lis-Sur Chris Gauci biex ma jagħmilx aktar xogħol ta' tiswija fuq bozoz hekk kif ikkonferma li m'għandux il-liċenzji neċessarji.

5.11.14 28.08.2024 Korrispondenza mis-Sur Joseph Bezzina rigward iċ-*charging pillar* proposta għal Ta' Gajdoru. Il-Kunsill qabel li ma jittieħdux żewp parkeġġi fl-inħawi Ta' Gajdoru peress li diġa' hemm problema kbira ta' parkeġġ hemmhekk.

5.11.15 28.08.2024 Korrispondenza mis-Sa Ramona Cassar wara l-kommunikat mill-Kunsill rigward it-talba tagħha biex tiġi esproprjata l-art quddiem il-blokka tal-flettijiet fejn toqgħod hi fi Triq Sansuna. Il-Kunsill irreferri għal dak li kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti waqt li kien ikkonfermat li s-siment li semma' ma kienx min-naħa tal-Kunsill.

5.11.16 29.08.2024 Imejl mis-Sur John Farrugia fejn qed jipproponi li Triq Gorf isir *one-way.* Il-Kunsill iddiskutta li din il-materja għandha tiġi diskussa wara li jsir ix-xogħol pjanat fuq Triq Mannar.

5.11.17 29.08.2024 Cir AKL 2024/049_Free Holistic wellness sessions for the Elderly community _ for Local Councils.

5.11.18 29.08.2024 Stedina għan-nominazzjonijiet għall-Premju Anzjanit' Attiva li kienet tagħlaq fit-8 ta' Settembru u hemm total ta' 6 premjijiet.

5.11.19 31.08.2024 Imejl mis-Sa Marietta Cassar rigward The Ecohive Academy fejn qed tistieden l-Kunsilli jorganizzaw ħarġiet edukattivi għandhom.

5.11.20 02.09.2024 Imejl mis-Sur Joseph Desira fuq l-istat diżastruż ta' Triq Liberat Grech fejn qed jtlob li l-Kunsill jieħu azzjoni immedjata . Il-Kunsill iddiskutta li qabel ma din it-triq tinfed mat-Triq L--Għar ta' Xerri ma tistax isir it-triq. Barra minnhekk din hi triq ġdida li eventwalment trid isir mill-Gvern Ċentrali.

5.11.21 02.09.2024 Imejl mis-Sur Victor Cristina għan-nom tar-residenti ta' Masri Court fejn ilmenta rigward il-munzelli ta' boroż tal-iskart mitfugħa minn ġirien tagħhom. Is-Sinjur kien qed jitlob li l-kanna fejn jiddendlu l-boroż taż-żibel titħarrek u talab li jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

5.11.22 03.09.2024 Ilment mis-Sur Micallef fuq l-infestazzjoni tal-briegħet wara l-ewwel xita. Is-segretarju spjegat li kienet infurmat lis-Sanita' minnufih.

5.11.23 06.09.2024 SPI/SCI/07/2024 Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.11.24 09.09.2024 Kommunikat mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fejn informa l-Kunsill li għadu kif ippublika l-aħħar linji gwdida fil-proċess tal-għoti tal-ismijiet tat-toroq.

5.11.25 10.09.2024 Rappport mill-pulizija li nġib il-Kunsill mis-Sur Paul Sultana li ħabat f'*barrier* fil-festa. Is-Sindku spjega li s-Sur Sultana kien għadda r-rapport lill-Kumitat tal-Festa hekk kif din il-*barrier* ma tpoġġietx mill-Kunsill.

5.11.26 11.09.2024 Cir AKL 2024/055_Free Holistic wellness sessions for the Elderly community _ for Local Councils. 11/10/2024

5.11.27 11.09.2024 l-ilment mis-Sa Claudia Agius rigward il-bżonn ta' gate fis-sqaq fi Triq Jannar tul is-sena kollha biex ikun kontrollat l-abbuż meta jkun qed attivitajiet tal-massa. Is-Sindku spjega li hu kien mar fuq il-post u kienu qed jirrfijutaw li jitwaħħlu ċapetti mal-ħitan. Is-Sindku spjega li wieħed irid jara jekk dan hux sqaq privat jew le.

5.11.28 13.09.2024 Talba mis-Sur Michael Carol Bartolo rigward permess ta'filming fi Triq Ta' Hamet nhar il-Ġimgħa 4 t'Ottubru. Is-Sindku spjega li wasal f'kompromess li jingħataw €6,000 donazzjoni.

5.11.29 16.09.2024 Stedina għat-Tnedija tal-Ktieb Sika Tfuliti fil-Gżira ta' Għawdex- nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru fis-7.00pm iċ-Ċentru ta' Nażżarenu. Il-Kunsill innota din l-istedina.

5.11.30 19.09.2024 Talba mis-Sa Leanne Pace biex isir tow zone u linji sofor faċċata tal-post li se tkun qed twaqqa' u tibni biex b'hekk ma jkollix għalfejn tagħlaq Ġnien Xibla li hi bus route. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju għandha tinforma lis-Sa Pace biex tikkomunika ma' TM.

5.11.31 20.09.2024 L-imejl minn Dr Matthew Bondin rigward skart u ħmieġ fi Triq In-Negħnus.

5.11.32 21.09.2024 Imejl mix-Xagħra Historical Reenactment Organisation rigward il-pjanti tal-monument tal-Assedju Kbir fejn talbu li jiltaqgħu mal-Kunsill. Is-Sindku spjega li dawn kellhom jiġu mistiedan għal-laqgħa li jmiss.

5.11.33 23.09.2024 Imejl mis-Sur Mifsud fi ħdan Identita' Malta b'sejħa għal-laqgħa fuq il-proċess tat-tiġdid tal-karti tal-Idenitita' fil-lokalitajiet f'Għawdex.

5.11.34 23.09.2024 Talba mis-Sur Lorry Refalo biex jiġi organizzat mill-ġdid il-parkeġġ ta' Triq Sant Anton u titneħħa l-Communal Parking for Disabled hekk kif hu persuna waħda li għandu blue badge resident fl-inħawi. Il-Kunsill qabel li kellu jibgħat lil TM biex dan il-parkeġġ jiġi organizzat. Rigward it-talba biex titneħħa d-*disabled parking space* is-Sindku spjega li l-proċess biex titneħħa din il-*communal disabled parking space* kien ġa beda.

5.11.35 23.09.2024 Talba għal-shifting ta' Bozza 179/63 fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li għandu jinstab post alternattiv qabel ma tingħalaq din il-lampa.

5.11.36 23.09.2024 Proposta mis-Sur Cutajar rigward publikazzjoni ta' ktieb. Il-Kunsill qabel li għandna nikkomunikaw mas-Sur Cutajar biex jibgħat *draft* ta' kapitlu.

5.11.37 24.09.2024 Imejl rigward id-distribuzzjoni tal-Cat Vouchers b'lista minn fejn jistgħu jingħabru l-*vouchers* mill-Kunsilli.

5.11.38 24.09.2024 Ilment mis-Sur Benny Saliba rigward bejta *hornets* li għandu ġo ventilatur fuq il-bieb tal-garaxx. Is-Sur Saliba illmenta ukoll li Triq L-Imqades hi l-aktar triq maħmuġa f'Għawdex.

5.11.39 24.09.2024 Imejl minn Luke Said *Deputy Chairperson* ta' Għawdix jinforma lill-Kunsill li jista' jintaqa' mal-Kunsill is-Sibt jew it-Tnejn wara nofsinhar.

5.11.40 24.09.2024 Korrispondenza mill-GAGF b'lista ta' kjarfikazzjonijiet mitluba fi żmien 5 tijiem mid-data tal-laqgħa b'referenza għall-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa f'Awwissu.

5.11.41 24.09.2024 CIR 057/2024 stedina mibgħuta mill-PLATFORMA and CEMR għall-ewwel edizzjoni tal-"*Young Elected Officials Academy*". Dan ser tinżamm online bejn it-Tnejn, 14 u l-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2024 bejn is-14:30hrs u l-16:30hrs

5.11.42 25.09.2024 Ittra mill-Arċipriet b'talba għall-kollaborazzjoni fil-festa li għada kif għaddiet. Il-Kunsill qabel li kellu jikkolaborra bl-ammont ma jeċedix is-somma ta' €7,500.

5.11.43 25.09.2024 Proposta mis-Sur Bonello għal sessjonijiet ta' Fitness. Il-Kunsill kien iddiskuta aktar kmieni fil-laqgħa li jipproċedi b'sejħa għall-interess għal *fitness instructors.*

5.11.44 26.09.2024 Ittra mill-avukata Dr Angele Formosa għan-nom ta Anthony Hili ta' Triq L-Għejun fejn qed jitlob li jsirulu linji sofor faċċata tal-garaxxx tiegħu peress li qed jostakolawlu l-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li s-Sur Hili kien ilu ħafna jilmenta fuq dan pero' ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fuq dan ir-rigward.

5.11.45 26.09.2024 Korrispondenza minn Dr Kevin Cutajar rigward il-bankina ta' Lorenza Bigeni fejn spjega li ħadida mal-bankina tista' ssir wara li tkellem ma uffiċjal ta' TM u dan kien infurmah li wieħed irid jara każ b'każ. Is-Sindku talab li l-Kunsillier Dr Cutajar jgħaddi d-dettalji ta' dan l-uffiċjal biex inkunu nistgħu nitkellmu miegħu.

5.11.46 Talba mis-Sur Paul Attard biex jitneħħew il-give ways u sleeping police fi Triq Marġa. Il-Kunsill qabel li jara ma' TM biex jitneħħew sinjali li m'għadhomx applikabli.

5.11.47 Talba mis-Sur Joseph Attard biex isir mera faċċata ta Josephine Court fi Triq Għajn Qamar biex jiffaċilita l-użu tal-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lis-Sur Attard biex jipprovdi ritratt u l' mbagħad il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi.

5.11.48 Talba mis-Sa Attard biex isir *Stop Sign* fi Triq San Ġużepp biex jiġu kkontrollat it-traffiku li ġej minn Triq Il-Knisja. Il-Kunsill qabel li jara ma TM tistax isir *give way* minflok.

5.11.49 Talba mill-Kunsilliera Leanne Micallef biex isiru sinjali sofor ma' kull naħa tal-garaxx fi Triq Gorf hekk kif is-sid qed isib problema biex jużа l-garaxx.

5.11.50 Talba biex tissemma' triq ġdida f'Ta' Gajdoru taħt il-belvedere hekk kif ir-residenti qed ikollhom problema bil-posta. Il-Kunsillier Dr Zammit issuġġerrixx li tissemma' Triq il-Professu JJ Cremona.

5.11.5 Talbiet għal bozoz ġodd fi Triq Ġnejna, Triq Sruġ quddiem Olive Gardens u fi Triq Sellum. Kellhom jinġabru aktar dettalji fejn iridu jiżdiedu eżatt u jinġieb il-kunsens jekk qed jiġu proposti ma' propjetajiet ta' terzi.

## 5.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

5.12.1 L-iskeda ta' pagamenti kienet ġiet iċċirkolati qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

5.12.2 Ill-Kunsillieri Dr Francienne Muscat u Leanne Micallef assestjenew milli japprovaw dawk il-pagamenti relatati mal-leġislatura preċedenti.

5.12.3 Is-Sindku Victor Curmi, Kunsilliera Marion Portelli u Kunsillier Dr Christian Zammit approvaw l-iskeda ta' pagamenti.

## 5.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

5.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.27pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2024 fil-5.30pm.

Konfermati illum 30 t' Ottubru 2024

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**Marion Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**